**Ruling tal-iSpeaker Michael Frendo għar-rigward ta' rulings mitluba mill-Onor. Joe Mizzi mogħti fis-Seduta 322 tat-Tnejn, 7 ta' Marzu 2011**

Fis-seduta numru 300 tat-12 ta' Jannar 2011 l-Onorevoli Joe Mizzi talab ruling fuq dak li huwa sejjaħ "xamma ta' misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, magħmula b'mod kollettiv mill-Kabinett Nazzjonalista." Wara li kkummenta li l-onorarja parlamentari "teħodha mill-Parlament" huwa kkummenta li "Irriżulta illi meta ġejna biex inressqu l-budget u bħala vot ta' sfiduċja lill-Ministru nnaqsulu ewro mill-personal emoluments, jidher ċar illi l-personal emoluments tal-Ministri kien ta' €42,000. Ma kienx hemm l-onorarja."

Huwa kompla jispjega li "meta ġejna....għall-voti fl-Estimi, fil-voti tal-Ministri, ukoll fejn jidħlu "expenditure by standard items" fejn hemm "total vote" u mbagħad għandek "personal emoluments", hemmhekk għandek "holders of political office – €42,000". Jiġifieri s-€36,000 l-oħra, l-onorarja, mhijiex qiegħda hemm." Huwa talab ruling "għar-raġuni li kif diġà għidt li meta sar il-vot tal-Ministri hawnhekk hemm ċar li l-onorarja ma tteħditx u l-onorarja mill-Parlament tiġi. Mela allura ħadu żewġ pagi. Imma mbagħad min-naħa l-oħra, meta ġejna għall-voti tal-personal emoluments m'hemmx imniżżel żewġ pagi imma hemm imniżżel €42,000".

Filwaqt li ddeskriva din is-sitwazzjoni bħala sitwazzjoni ta' illegalità u reġa' tenna li "hemm xamma ta' misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u magħmula b'mod kollettiv mill-kabinett", talab ruling "dwar din is-sitwazzjoni", "in vista tal-fatt li jidher li ż-żidiet li qed jingħataw lill-Ministri u lis-Segretarji Parlamentari m'humiex koperti bil-vot li ttieħed u li għadda mill-Parlament fl-Estimi Ġenerali ta' din is-sena u tas-sena l-oħra. B'hekk qed tinħoloq sitwazzjoni fuori legge u illegali fejn qed jiġu approprjati spejjeż u ħlasijiet li la ġew approvati mill-Parlament u wisq inqas kellhom rakkmandazzjoni tal-President tar-Repubblika skont kif rikjest mill-Kostituzzjoni ta' Malta."

Fl-istess seduta, l-Onorevoli Joe Mizzi talab ukoll kjarifika mingħand is-Sedja "dwar ir-raġunijiet li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni li l-onorarja tas-Segretarji Parlamentari u tal-Ministri bħala Membri Parlamentari ma tinħariġx mill-vot tal-Parlament iżda tinħareġ mill-voti tal-Ministeri. Is-Sedja qiegħda tintalab ukoll ruling dwar il-korrettezza ta' din il-proċedura."

Inoltre fl-istess seduta wkoll, l-Onorevoli Joe Mizzi talab ruling dwar jekk hemmx konflitt bejn rwol parlamentari u rwol Eżekuttiv meta Assistent Parlamentari, li qed jitħallas l-onorarja parlamentari mill-Parlament, jitħallas mill-ministeru għall-ħidma ta' assistent parlamentari fl-istess ministeru. L-Onorevoli Mizzi staqsa wkoll jekk, in vista ta' dan, per eżempju, Assistent Parlamentari jistax jagħmel mistoqsijiet parlamentari f'din il-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja kkonsidrat tajjeb il-punti mqajma mill-Onorevoli Membru li huma ta' natura sostantiva u li allura jistħoqqilhom l-attenzjoni dovuta. Is-Sedja iżda tikkonstata li r-rwol tagħha huwa li tara li l-proċeduri parlamentari kollha huma segwiti meta jgħaddi l-Att ta' Appropprjazzjoni li fuqu huwa bbażat il-budget u li l-proċedura tad-dibattitu jkunu in order u li jiġi segwit l-ordni u l-ftehim li jkun sar, jekk ikun il-każ, fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra. Ma huwiex kompitu tas-Sedja li tara li jiġu segwiti l-liġijiet u n-normi kollha finanzjarji tal-pajjiż u allura li tara jekk kienx hemm ksur ta' dawn in-normi finanzjarji viġenti fil-mod kif ġew redotti d-dokumenti tal-budget u kif ġie implimentat l-Att dwar l-

Approprjazzjoni. Din hija materja ta' verifika li tispetta lill-uffiċjal iehor ta' dan il-Parlament, u ċioe' lill-Awditur Ġenerali, imma mhux lis-Sedja.

Is-Sedja rat ukoll l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (Kapitolu 396) u partikolarment l-Artikolu 5 tal-istess Att u l-Artikolu 9 subartikolu (a) tal-Ewwel Skeda u dan sabiex tara jekk hija għandhiex is-setgħa li tirreferi materja bħal din direttament għall-attenzjoni tal-Awditur Ġenerali. Dan l-Artikolu 9 subartikolu (a) jgħid hekk:

"L-Awditur Ġenerali jista' sew personalment sew permezz ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, bl-inizjattiva ta' l-Awditur Ġenerali nnifsu jew fuq talba tal-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ta' mill-anqas tliet membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew ta' xi Kumitat ieħor bħal dak tal-Kamra tad-Deputati minn żmien għal żmien jissostitwixxi lil dak il-Kumitat, jagħmel inkjesta u jirrapporta ..."

Għalhekk is-Sedja tħalliha f'min għandu l-poter mogħti lilu mil-liġi stess kif hawn indikat, li jitlob jew jagħmel verifika jekk iħoss li għandu jagħmel hekk.

Is-Sedja tagħmel ukoll riferenza għat-tieni punt imqajjam mill-Onorevoli Mizzi u ċioè dwar il-korrettezza ommeno tal-proċedura fejn l-onorarja tas-segretarji parlamentari u tal-ministri bħala membri parlamentari ma tinħariġx mill-vot tal-parlament iżda tinħareġ mill-voti tal-ministeri.

Is-Sedja tikkonstata li bħala fatt dan l-onorarju ma jinħarigx u qatt ma nħareg mill-vot tal-Parlament.

Għaldaqstant din tibqa' materja ta' verifika li trid issir minn awtorità kompetenti biex tagħmel dan skond il-proċeduri stabbiliti u digà diskussi aktar qabel.

Għar-rigward tat-tielet punt imqajjem mill-Onorevoli Membru, u ċioè li hemm konflitt bejn ir-rwol parlamentari u dak eżekuttiv fil-ħidma ta' Assistent Parlamentari, li inoltre jitħallas l-onorarja parlamentari mill-Parlament filwaqt li jitħallas mill-ministeru għal ħidma ta' assistent parlamentari fl-istess Ministeru, is-Sedja għamlet ir-riċerka neċessarja dwar il-prattika f'Parlamenti oħrajn tal-Commonwealth billi din hija kariga ġdida għall-esperjenza parlamentari Maltija.

Is-Sedja rat dak li jiġri fil-House of Commons abbażi tal-Ordni Permanenti 197 u ċioè li "fil-każijiet kollha mhux maħsub għalihom f'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistghu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Fil-House of Commons, il-Parliamentary Private Secretaries li huma fl-essenza tagħhom ekwivalenti għall-Assistenti Parlamentari fil-Kamra tad-Deputati tagħna – li però ma jitħallsux għal ħidma tagħhom – għaliex jagħmlu essenzjalment l-istess ħidma parlamentari għan-nom tal-Ministru u l-Ministeru li għalihom huma assenjati, jibqgħalhom il-fakultà li jaġixxu bħala Membri Parlamentari fil-poteri kollha mogħtija lil dik il-figura mill-Ordnijiet Permanenti. Tant li fil-House of Commons ma hemm l-ebda regola parlamentari li żżomm Parliamentary Private Secretary milli jagħmel jew tagħmel interpellanza parlamentari lill-Ministru tiegħu jew tagħha stess. Madankollu Parliamentary Private Secretary fir-Renju Unit

huwa mistenni li jsegwi l-Kodiċi Ministerjali li jkun viġenti u dak viġenti jgħid li Parliamentary Private Secretary m'għandux jagħmel stqarrijiet fil-Kamra jew jagħmel mistoqsijiet parlamentari fuq materji li jaffettwaw id-dipartiment li miegħu huwa konness.

Fil-Kanada, Parlament ta' pajjiż membru tal-Commonwealth, il-Parliamentary Assistants għandhom it-titolu ta' Parliamentary Secretaries. Skond il-House of Commones Procedure and Practice, 2ni edizzjoni (paġna 500) "Because of their responsibilities in answering questions on behalf of the government, Parliamentary Secretaries do not pose questions during Question Period". Din ukoll kienet id-deċizjoni tal-iSpeaker James Jerome fil-5 ta' Novembru 1974 li qal li Segretarji Parlamentari (ċioè Assistenti Parlamentari fis-sistema tagħna) m'għandhomx id-dritt li jagħmlu interpellanzi lill-Gvern, billi huma għandhom ir-responsabbiltà li jwieġbu għall-Gvern.

Fil-Parlament ta' Malta, l-Ordnijiet Permanenti 26, 27 u 28 in partikolari jagħmlu riferenzi partikolari għal min jagħmel, lil min isiru, u kif isiru interpellanzi. L-Ordni Permanenti 26 tindika li interpellanzi jistgħu jsiru "lil kull Ministru dwar ħwejjeġ pubbliċi jew lil kull Membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew Membru jkun responsabbli". Din l-Ordni tfisser li mistoqsijiet jistgħu jsiru mhux biss lill-Ministri imma wkoll lil Membri li jkollhom responsabbiltà partikolari għal xi xogħol tal-Kamra bħal, per eżempju, President ta' Kumitat tal-Kamra responsabbli minn materja partikolari koperta minn dak il-Kumitat fil-ħidma parlamentari.

Is-Sedja ma tħossx li din l-Ordni Permanenti tapplika wkoll għall-Assistenti Parlamentari u dan għaliex dawn ma għandhomx responsabbiltà għal xogħol tal-Kamra imma huma responsabbli f'Ministeru partikolari għal liaison fil-ħidma li dak il-Ministeru jkollu mal-Parlament. Din hija funzjoni ferm differenti minn dik ta' Presidenti ta' Kumitati tal-Kamra kemm Permanenti kif ukoll Magħżula u huwa għalhekk li r-remunerazzjoni tal-Assistent Parlamentari għal dik il-ħidma tinħareg mill-fondi ta' dak il-Ministeru partikolari li l-Assistent ikun marbut miegħu.

Billi l-Assistent Parlamentari, kuntrarju għal każ fil-Kanada, ma jistax jwieġeb interpellanzi diretti lejn il-Ministeru li huwa marbut miegħu għaliex din il-ħidma ma taqax taħt id-definizzjoni mogħtija fl-Ordni Permanenti 26, is-Sedja ma tistax torbot mal-argument użat mill-iSpeaker Kanadiż Jerome f'dak il-każ li permezz tiegħu wasal għall-konklużjoni li Assistenti Parlamentari fil-Kanada ma jistgħux jagħmlu mistoqsijiet dwar Ministeru li miegħu huma marbuta.

Is-Sedja tinnota wkoll li fl-Ordnijiet Permanenti tagħna ma hemm xejn li jgħid b'mod ċar li Ministru jew Segretarju Parlamentari ma jistax jagħmel mistoqsijiet parlamentari u kemm l-Ordni Permanenti 27 u 28 jagħmlu riferenza għal "Membru" li b'mod ġeneriku tinkludi kull membru ta' din il-Kamra. Imma hija prassi kostanti u huwa assolutament paċifiku fit-tradizzjoni ta' din il-Kamra li membru tal-Eżekuttiv, Ministru jew Segretarju Parlamentari, ma jistax jagħmel mistoqsija parlamentari kemm fl-istadju tal-mistoqsijiet prinċipali kif ukoll dawk supplimentari. Fil-fehma tas-Sedja, dan wieħed jista' wkoll jiddeduċieh minn qari tal-Ordnijiet Permanenti 27, 28 u 29 kkonsidrati flimkien (kif diversi drabi jridu jiġu kkonsidrati l-Ordnijiet Permanenti biex tissielet tifsira koerenti) fejn jidher li l-leġislatur f'dak il-każ qed jiddistingwi bejn Membru minn naħa l-waħda u Ministru u Membru responsabbli minn xi xogħol tal-Kamra minn naħa l-oħra.

Is-Sedja rat ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u in partikolari Kapitolu VII - L-Eżekuttiv li fih isir riferenza biss lill-figuri kostituzzjonali eżekuttivi tal-President ta' Malta, tal-Prim Ministru, tal-Ministri (inkluzi Ministri Temporanji), u tas-Segretarji Parlamentari u dawn kollha jridu jieħdu l-ġurament qabel ma jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tagħhom (Kapitolu VII, Kostituzzjoni ta' Malta). Dawn biss huma l-karigi li huma indikati li jiffurmaw parti mill-Ezekuttiv skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ezerċizzju ta' dawn il-karigi ma jistax jibda qabel ma jittieħed il-ġurament dovut. Assistent Parlamentari ma jiffigurax fir-regolamentazzjoni tal-Eżekuttiv mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għalhekk jidher ċar għas-Sedja li n-natura tal-Assistent Parlamentari, irrispettivament minn jekk ikollux remunerazzjoni jew le, hija konformi ma' dik tal-Parliamentary Private Secretary fir-Renju Unit u, konsonanti mal-Ordni Permanenti 197, hija l-esperjenza tal-House of Commons li għandha tiggwidana hawnhekk.

Bħalma jiġri fl-istess House of Commons, il-Kodici tal-Etika adottat fl-istess waqt tal-ħatra ta' Assistenti Parlamentari f'Malta jagħmilha ċara li Assistent Parlamentari m'għandux jagħmel mistoqsija parlamentari dwar il-Ministeru li miegħu huwa marbut. Dan il-Kodiċi ta' Etika tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u huwa redatt bħala estensjoni tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari maħruġ mill-Kabinett tal-Ministri. Għalhekk huwa ċar li l-prinċipji li huma applikati fil-House of Commons għal Parliamentary Private Secretary huma applikabbli wkoll f'pajjiżna għall-Assistent Parlamentari, u ċioè, li dan jibqagħlu l-fakultajiet kollha li għandu kull Membru Parlamentari imma skond il-Kodiċi ta' Etika (Dokument 4270 mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) huwa "m'għandux jagħmel stqarrijiet u mistoqsijiet fil-Kamra dwar materji marbuta mal-Ministeru fejn ikun qed iservi".